41999Y0330(01)

L-ATT TAL-KUNSILL
tat-12 ta' Marzu 1999
li jadotta r-regoli li jirregolaw it-trasmissjoni ta' data personali mill-Europol lil Stati terzi u korpi terzi

(1999/K 88/01)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni bbażata fuq l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-istabbiliment ta' Uffiċċju tal-Pulizija Ewropea (Konvenzjoni tal-Europol) [1], u partikolarment l-Artikolu 18(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-abbozz preparat mill-Bord ta' Ġestjoni wara konsultazzjoni mal-Korp ta' Sorveljanza Konġunt imsemmi fl-Artikolu 24 tal-Konvenzjoni tal-Europol,

Billi huwa l-Kunsill, li jaġixxi unanimament, li jadotta r-regoli ġenerali li jirregolaw it-trasmissjoni ta' *data* mill-Europol lil Stati terzi jew korpi terzi, waqt li jżomm akkont taċ-ċirkustanzi msemmija fl-Artikolu 18(3) tal-Konvenzjoni tal-Europol,

ADOTTA R-REGOLI LI ĠEJJIN:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' dawn ir-regoli:

(a) "Stati terzi" ifisser Stati li mhumiex Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea kif imsemmi fl-Artikolu 10(4)(4) tal-Konvenzjoni tal-Europol;

(b) "korpi terzi" ifisser il-korpi msemmija fl-Artikolu 10(4)(1) sa (3) u (5) sa (7) tal-Konvenzjoni tal-Europol, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa:

— "korpi relatati ma' l-Unjoni Ewropea", i.e. dawk imsemmija fl-Artikolu 10(4)(1) sa (3) tal-Konvenzjoni tal-Europol;

— "korpi mhux relatati ma' l-Unjoni Ewropea", i.e. dawk imsemmija fl-Artikolu 10(4)(5) sa (7) tal-Konvenzjoni tal-Europol;

(ċ) "ftehim" ifisser ftehim kif imsemmi fl-Artikolu 3 ta' dan l-att;

(d) "*data* personali" tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna naturali identifikata jew identifikabbli; persuna identifikabbli hija waħda li tista' tiġi identifikata, direttament jew indirettament, partikolarment b'referenza għal xi numru ta' identifikazzjoni jew għall-fattur wieħed jew aktar marbuta ma' l-identità fiżika, fiżjoloġika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali tagħha;

(e) "proċessar ta" *data* personali' tfisser kwalunkwe operazzjoni jew sett ta' operazzjonijiet li jsiru fuq *data* personali, kemm jekk b'mezz awtomatiċi u kemm jekk le, bħal ġbir, reġistrar, organizzazzjoni, ħażna, addattament jew tibdil, kisba, konsultazzjoni, użu, żvelar bit-trasmissjoni, tixrid jew li b'xi mod isir disponibbli, allinjament jew it-tagħqid, blukkar, tħassir jew iqerda;

(f) "awtoritajiet kompetenti" tfisser l-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 5(1) ta' dan l-att.

Artikolu 2

Trasmissjojni ta' *data* personali

1. L-Europol tista', taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni tal-Europol, titrasmetti *data* personali lill-Stat terz jew korp terz fuq il-bażi ta' kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) ftehim bejn il-Europol u Stat terz jew korp terz skond l-Artikolu 3 ta' dan l-att;

(b) eċċezzjonalment, fejn id-Direttur jikkunsidra t-trasmissjoni tad-*data* bħala assolutament neċessarja;

— biex ikunu salvagwardjati l-interessi essenzjali ta' l-Istati Membri konċernati fi ħdan l-iskop ta' l-għanijiet ta' l-Europol;

— fl-interessi li jiġi prevenut periklu imminenti assoċjat mal-kriminalità.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, għandu jittieħed kont tal-liġi u l-prattika amministrattiva ta' l-Istat terz jew ta' korp li mhux relatat ma' l-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data*, inkluż dwar l-awtorità responsabbli mill-protezzjoni ta' kwistjonijiet dwar *data*.

3. Għat-trasmissjoni ta' *data* personali klassifikata mill-Europol bħala 1, 2 jew 3, huwa meħtieġ li jsir ftehim kif imsemmi fl-Artikolu 18(6) tal-Konvenzjoni tal-Europol; dan il-ftehim għandu jikkunsidra d-disposizzjonijiet tar-regoli ta' kunfidenzjalità tal-Europol.

[1] ĠU C 316, tas-27.11.1995, pġ. 1.

Artikolu 3

Ftehim fuq it-trasmissjoni ta' *data* personali mill-Europol

1. L-Europol tista' tikkonkludi ftehim ma' Stati terzi jew korpi terzi sabiex taderixxi l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni tal-Europol. Tali ftehim għandu jkollhom disposizzjonijiet li jikkonċernaw ir-riċevitur tad-*data*, it-tip ta' *data* li se tiġi trasmessa u l-għanijiet li għalihom id-*data* se tiħi trasmessa jew użata.

2. Il-Kunsill, li jaġixxi unanimament, jista' jiddetermina l-Istati terzi jew korpi mhux relatati ma' l-Unjoni Ewropea li magħhom għandhom jiġu negozjati ftehim.

Il-Bord ta' Ġestjoni jista' jiddetermina l-korpi relatati ma' l-Unjoni Ewropea li magħhom iridu jiġu negozjati l-ftehim.

3. Id-Direttur ta' l-Europol għandu, wara li jkun kiseb l-opinjoni tal-Bord ta' Ġestjoni u wara awtorizzazzjoni minn qabel mill-Kunsill li jaġixxi unanimament, jidħol f'negozjati dwar ftehim ma' Stati terzi jew korpi mhux relatati mal-Unjoni Ewropea. Biex jasal għad-deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni, il-Kunsill għandu jikkunsidra l-kondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(2). Barra minn dawk stabbiliti fil-paragrafu 1, il-Kunsill jista' jimponi aktar kondizzjonijiet.

Il-ftehim jistgħu jkunu konklużi biss wara approvazzjoni unanima mill-Kunsill. Tali approvazzjoni tista' tingħata biss wara li l-opinjoni tal-Korp ta' Sorveljanza Konġunt tkun inkisbet, permezz tal-Bord ta' Ġestjoni. Deċiżjoni tal-Kunsill tista' tkun relatata ma' wieħed jew aktar Stati terzi jew korp wieħed jew aktar mhux relatati ma' l-Unjoni Ewropea.

4. Id-Direttur ta' l-Europol għandu, wara awtorizzazzjoni minn qabel mill-Bord ta' Ġestjoni, jidħol f'negozjati dwar ftehim ma' korpi relatati ma' l-Unjoni Ewropea. Barra dawk stabbiliti fil-paragarfu 1, il-Bord ta' Ġestjoni jista' jimponi aktar kondizzjonijiet.

Il-Ftehim jista' jiġi konklużż biss bl-approvazzjoni tal-Bord ta' Ġestjoni. Tali approvazzjoni tista' tingħata biss wara li l-Bord ta' Ġestjoni jkun kiseb l-opinjoni tal-Korp ta' Sorveljanza Konġunt.

Artikolu 4

Trasmissjoni ta'*data* personali taħt l-awtorità tad-Direttur

Id-Direttur għandu jinforma lill-Bord ta' Ġestjoni u lill-Korp ta' Sorveljanza Konġunt mingħajr dewmien bla bżonn dwar kwalunkwe deċiżjoni biex tkun trasmessa *data* personali taħt l-Artikolu 2(1)(b) u tar-raġunijiet għal tali deċiżjoni.

Fuq talba hu għandu jittrasmetti lill-Bord ta' Ġestjoni u lill-Korp ta' Sorveljanza Konġunt aktar informazzjoni, bħall-bażi għall-evalwazzjoni tiegħu li, skond iċ-ċirkostanzi tat-trasmissjoni u fid-dawl ta' l-għanijiet tagħha, it-tip ta' *data* li għandha tiġi trasmessa u l-għan li għalih id-*data* ġiet trasmessa, l-livell ta' protezzjoni offrut minn Stat(i) terz(i) reċipjent(i) jew korp jew korpi mhux relatati ma' l-Unjoni Ewropea huwiex adekwat.

Artikolu 5

Awtoritajiet kompetenti

1. It-trasmissjoni ta' *data* personali mill-Europol lill-Istat terz u t-tkomplija tat-trasmissjoni f'dak l-Istat għandha tkun ristretta lill-awtoritajiet kompetenti responsabbli taħt il-liġi nazzjonali għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra reati kriminali.

2. Fin-negozjar ta' ftehim, il-Europol għandha tagħmel kull sforz biex ikun żgurat li, fejn possibbli, Stat terz jinnominaw awtorità kompetenti waħda ("reċipjent inizjali") biex isservi bħala l-punt ta' kuntatt nazzjonali bejn il-Europol u l-awtoritajiet kompetenti l-oħra ta' dak l-Istat terz.

3. Meta tittrasmetti *data* personali, il-Europol għandha tiżgura li r-reċipjent jagħti garanzija li t-tkomplija tat-trasmissjoni ta' tali *data* tkun limitata lill-awtoritajiet kompetenti u ssehħ taħt l-istess kondizzjonijiet bħal dawk li japplikaw għat-trassmissjoni oriġinali.

4. Fejn ma jkunx possibbli għall-Stat terz li jinnomina awtorità kompetenti ċentrali waħda biex isservi bħala punt ta' kuntatt nazzjonali, il-ftehim jistgħu, bħala eċċezzjoni, jipprovdu għat-trasmissjoni diretta ta' l-informazzjoni mill-Europol lil awtorità kompetenti waħda jew aktar fi ħdan l-Istat terz konċernat.

5. L-Europol għandha tittrasmetti biss tagħrif lil awtorità kompetenti ta' Stat terz jew korp terz jekk dik l-awtorità jew korp taqbel li mhix se tikkomunika dik id-*data* lil Stati terzi jew korpi terzi oħra.

6. Il-kompetenza tar-reċipjent tad-*data* fil-qasam tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità għandha tkun imsemmija speċifikament fi kwalunkwe ftehim konklużż.

Artikolu 6

L-għanijiet li għalihom tkun trasmessa *data* personali

1. *Data* personali mitluba mingħajr indikazzjoni dwar l-għan u r-raġuni għat-talba m'għandhiex tiġi trasmessa.

It-trasmissjoni ta' *data* personali li juri l-oriġini razzjali, l-opinjonijiet politiċi jew reliġjużi jew twemmin ieħor, jew li jikkonċerna s-saħħa jew il-ħajja sesswali kif hemm imsemmi fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa tat-28 ta' Jannar 1981 għall-protezzjoni ta' individwi b'rabta ma' l-ipproċessar awtomatiku ta' *data* personali għandu jkun limitat għall-każijiet li huma assolutament neċessarji skond l-Artikolu 4.

2. Meta l-Europol tittrasmetti *data* personali lill-Stat terz jew korp terz, din għandha tiżgura li r-reċipjent jagħti garanzija li din id-*data* tintuża biss għall-għanijiet li għalihom ġiet trasmessa.

Artikolu 7

Korrezzjoni u tħassir ta' *data* personali

1. Meta l-Europol tittrasmetti *data* personali lill-Istat terz jew korp terz, għandha tiżgura li r-reċipjent jagħti garanzija li d-*data* personali jiġu kkoreġuti jew imħassra jekk jinstab li ma jkunux korretti, ineżatti, mhux aktar aġġornati jew ma kellhomx jiġu trasmessi. Fejn il-Europol tinnota li d-*data* personali mhix korretta, ineżatta, mhux aktar aġġornata, jew ma kellhiex tiġi trasmessa, l-Istat terz jew korp terz reċipjent għandu jiġi infurmati minnufih dwar dan u jkun mitlub jinnotifika lill-Europol li d-*data* se tkun ikkoreġuta jew imħassra. Id-Direttur tal-Europol għandu jinforma lill-Bord ta' Ġestjoni u lill-Korp ta' Sorveljanza Konġunt dwar l-attivitajiet ta' l-Europol f'dan il-qasam.

2. Kwalunkwe ftehim konkluż għandu jistipula l-obbligazzjoni li jikkoreġi jew iħassar skond il-proċedura msemmija fil-paragrafu 1.

3. Meta l-Europol tittrasmetti *data* personali hija għandha tiżgura li r-reċipjent jagħti garanzija li d-*data* tiġi mħassra fejn ma tkunx aktar neċessarja għall-għanijiet li għalihom tkun ġiet komunikata.

Artikolu 8

Obbligazzjoni

Ftehim konkluż għandu jkollu dispożizzjonijiet xierqa dwar l-obbligazzjoni fl-eventwalità ta' proċessar ta' *data* mhux awtorizzata jew mhix korretta.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ

Dawn ir-regoli għandhom jidħlu fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara dik ta' l-adozzjoni tagħhom.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Marzu 1999.

Għall-Kunsill

Il-President

O. SCHILY